# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Novembru, 2021**

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 315/17JRM**

Maria Dolores *sive* Doreen **CAMILLERI**

vs

**IS-SEGRETARJU EWLIENI FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta' April, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija b'mod elaborat għall-aħħar, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-għemil tal-imħarrek huwa *ultra vires* skond l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u/jew l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) u/jew l-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) issib lill-imħarrek responsabbli għad-

danni li ġarrbet l-attriċi skond l-Artikolu 469A(5) tal-istess Kodiċi billi mexa magħha b'mala fidi u jew b'mod mhux raġonevoli; (ċ) tillikwida d-danni mġarrba jekk ikun il-każ permezz ta' perit minnha maħtur; u (d) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet sal-jum tal-ħlas effettiv magħduda l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 241/17 tal-25 ta' Jannar, 2017;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2017[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-8 ta' Mejju, 2017, li biha l-imħarrek Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (a) skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kawża ma tistax tinfetaħ kontra l-Ministeru billi f'dan il-każ il-Gvern hu rappreżentat minnu fl-atti u fl-azzjonijiet; (b) skond l-artikolu 156(4) tal-imsemmi Kodiċi, l-attriċi għandha tgħid x'fatti u provi għandha f'moħħha li se ġġib minn dawk ix-xhieda li ġew minnha ndikati fil-lista tax-xhieda b'mod partikolari dawk elenkati minn paragrafu (vi) sa (x); (ċ) jonqos fl-attriċi l-interess ġuridiku meħtieġ biex tressaq u tmexxi 'l quddiem din l-azzjoni billi r-rekwiżiti neċessarji biex wieħed iressaq din l-azzjoni huma neqsin; (d) l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddx għal din l-azzjoni billi ma nħarġet ebda ordni iżda saret biss ħatra ta' bord biex jistħarreġ it-tmexxija in ġenerali tal-Aġenzija, liema inizjattiva ttieħdet minnu u li ma taqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" taħt l-istess artikolu; (e) it-talba biex jiġi mistħarreġ l-eżerċizzju li mexxa l-Bord ma taqax taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" skond l-artikolu 469A(2); (f) din l-azzjoni tressqet wara żmienha billi l-azzjoni, skond l-artikolu 469A(3), kellha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, bl-għemil amministrattiv li jrid jikkontesta, skond liema jiġi l-ewwel, u l-attriċi bdiet din il-kawża żmien twil wara ż-żmien mogħti lilha mil-liġi. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi huma nfondati. Il-ħatra tal-Bord kienet waħda leġittima, dak li jinvestiga l-operazzjoni tal-Aġenzija u mhux tal-attriċi, u dan wara li nqalgħu diversi xiljiet marbuta mal-operat tal-Aġenzija. Itenni li l-attriċi ngħatat l-opportunita` li ssemma leħenha quddiem il-Bord, u ma saret ebda diskriminazzjoni magħha bi ħsara għaliha. Żied jgħid li t-temm tal-attriċi mill-impieg saret matul iż-żmien ta' prova u għaldaqstant ma kien hemm ebda ħtieġa li tingħata raġuni għala l-impieg tagħha ntemm. Temm jgħid li l-ħatra tal-Bord saret in *bona fede*, biex tiġi nvestigata l-Aġenzija;

[1] Paġġ. 129 – 130 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2017[2], li bih u b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża, ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, kellha ssir it-trattazzjoni u tingħata deċiżjoni dwar is-siwi tar-raba' u tal-ħames eċċezzjonijiet preliminari, u għaddiet għall-ħatra tal-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi li seta' kellhom il-partijiet marbuta mal-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat il-verbal tad-19 ta' Lulju, 2017[3] quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, li bih il-partijiet qablu li t-trattazzjoni taż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari ssir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-Segretarju Ewlieni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol tal-11 ta' Settembru, 2017[4], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fl-20 ta' Diċembru, 2017[5], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tal-attriċi u li wasslet għat-temm tal-impjieg tagħha minn mal-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Aġenzija"). Hija tgħid li bord imwaqqaf biex jistħarreġ it-tmexxija tal-Aġenzija li tagħha kienet iċ-*Chief Executive Officer* spiċċa biex, minflok, wettaq stħarriġ dwar ilmenti mressqin kontriha u sabha ħatja ta' akkużi mressqin fil-konfront tagħha li qatt ma kienet mgħarrfa bihom. Hija trid li l-għemil tal-bord sar bi ksur tal-liġi u l-konklużjonijiet tiegħu magħmula f'rapport għandhom jitqiesu ma jiswewx u li tingħata kumpens għad-danni li ġarrbet b'riżultat ta' dan kollu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' b'eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, qal li l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddx għal din l-azzjoni billi ma nħarġet ebda ordni iżda saret biss ħatra ta' bord biex jistħarreġ it-tmexxija in

[2] Paġ. 143 tal-proċess
[3] Paġ. 180 tal-proċess
[4] Paġġ. 194 – 9 tal-proċess
[5] Paġġ. 204 sa 212 tal-proċess

ġenerali tal-Aġenzija, liema inizjattiva ttieħdet minnu u li ma taqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" taħt l-istess artikolu (ir-raba' eċċezzjoni preliminari); u li t-talba biex ikun mistħarreġ l-eżerċizzju li mexxa l-bord ma taqax taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" skond l-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (il-ħames eċċezzjoni preliminari);

Illi s-sentenza ta' llum qegħda tingħata dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li fl-2007 twaqqfet l-Aġenzija bil-għan li tippromwovi, timplimenta u tmexxi b'mod effiċjenti u effettiv il-programmi u inizjattivi tal-Unjoni Ewropeja f'Malta[6];

Illi f'April tal-2015, l-attriċi ngħatat kuntratt ta' impieg għal żmien definit ta' tliet (3) snin bħala l-Ko-ordinatriċi Nazzjonali mal-Aġenzija (ħatra li hija ekwivalenti għal dik ta' *CEO*) b'seħħ b'lura mit-18 ta' Frar, 2015, u bil-kundizzjonijiet hemm imfissra. Fost il-kundizzjonijiet, kien hemm waħda li tgħid li l-impieg tagħha kien soġġett għal żmien ta' prova ta' tnax-il (12) xahar[7];

Illi fil-15 ta' Jannar, 2016[8], l-imħarrek waqqaf bord magħmul minn tlieta min-nies (li ssejjaħ bħala "*Fact Finding Board*" u minn issa 'l hemm se jissejjaħ "il-bord") biex jistħarreġ il-mod kif l-Aġenzija kienet qiegħda titmexxa. Dakinhar l-attriċi ntalbet biex tgħin lill-bord fl-eżerċizzju tal-istħarriġ tiegħu[9]. Hija dehret quddiem il-Bord diversi drabi u wieġbet għad-domandi li sarulha[10]. Skond il-provi dokumentali mressqa fl-atti tal-kawża, jidher li l-bord żamm sensiela ta' intervisti bejn il-21 ta' Jannar u t-28 ta' Jannar tal-2016[11];

Illi l-imħarrek jgħid li kien irċieva bosta lmenti marbuta mat-tħaddim tal-Aġenzija u għaldaqstant ħass il-ħtieġa li jieħu azzjoni billi waqqaf l-imsemmi bord[12];

Illi l-attriċi tgħid li qatt ma ngħatat tagħrif dwar it-*terms of remit* ta' dak li kellu jistħarreġ il-bord minkejja li, sa dak iż-żmien, kienet tmexxi l-Aġenzija. Lanqas ma ngħatat kopja tal-ilmenti li kienu qed isiru dwar l-Aġenzija fuq dwar il-mod tat-tmexxija tagħha[13];

---

[6] Ara reg. 6 tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea (A.L. 128/2007, L.S. 327.316)
[7] Dok. "DC01" f'paġ. 11 tal-proċess
[8] Dok. "PS1" f'paġġ. 139 – 140 tal-proċess
[9] Dok. "DC03" f'pap. 16 tal-proċess
[10] Ara l-affidavit tal-attriċi f'paġ. 161 tal-proċess
[11] Ara Dokti "DC07" u "DC08", f'paġġ. 34 u 36 tal-proċess
[12] Ara l-affidavit ta' Joseph Caruana f'paġ. 151 tal-proċess
[13]Ara l-affidavit tal-attriċi f'paġ. 161 tal-proċess

Illi fit-8 ta' Frar, 2016, l-attriċi ssejħet għal laqgħa oħra, imma f'ħin bla waqt, il-president tal-bord għarrafha li l-impjieg tagħha minn mal-Aġenzija ma kienx se jitkompla wara ż-żmien tal-prova. Dakinhar intbagħtitilha ittra biex tagħtiha formalment din l-aħbar[14]. Hija talbet sabiex tingħata kopja tar-riżultanzi tal-bord li kienu jimpinġu fuq it-temm tal-impjeg tagħha[15]. Sommarju ta' dawn ir-riżultanti[16], flimkien ma' dokumentazzjoni oħra[17], ngħatawlha wara li kellha titlob l-intervent tal-Kummissarju tad-*Data*[18];

Illi fil-25 ta' Jannar, 2017[19], l-attriċi bagħtet tinterpella formalment lill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u lill-imħarrek permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li hija ġarrbet minħabba t-temm tal-impjieg tagħha u l-eżerċizzju mwettaq mill-bord. Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-imħarrek ċaħdu t-talbiet tal-attriċi f'ittra uffiċjali tagħhom tas-6 ta' Frar, 2017[20];

Illi l-attriċi fetħet din il-kawża fis-7 ta' April, 2017;

Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjonijiet taħt eżami, iż-żewġ eċċezzjonijiet imqanqla mill-imħarrek jridu li jneħħu mill-Qorti s-setgħa li tistħarreġ l-ilment tal-attriċi. Iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li dwar is-siwi tagħhom qiegħda tingħata din is-sentenza jixbhu 'l xulxin. Bl-ewwel waħda, qiegħed jingħad li l-ħatra tal-bord mill-imħarrek ma tammontax għal "egħmil amministrattiv" iżda għal iniżjattiva li tifforma parti mill-amministrazzjoni interna. Jgħid ukoll li l-eżerċizzju li mexxa l-bord ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" skond it-tifsira mogħtija lil dak il-kliem mill-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi għaliex il-bord qatt ma kien f'qagħda li jieħu deċiżjoni jew jirrifjuta talba, imma biss li jislet rapport u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru. Minn naħa l-oħra, l-attriċi tisħaq li l-kwestjoni tmur lil hemm minn sempliċi eżerċizzju intern, iżda aġir li wassal biex ġew imċaħħda d-drittijiet tagħha bil-konsegwenzi kollha li ġab miegħu;

Illi jibda biex jingħad li s-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ l-għemil ta' xi awtorita` pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdien li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għamil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex

[14] Dok "DC02", f'paġ. 15 tal-proċess
[15] Ara Dok. "DC05" f'paġ. 18 u 19 tal-proċess
[16] Dok. "DC08" f'paġġ. 36 sa 43 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "DC06" u Dok. "DC07" f'paġġ. 27 sa 34 tal-proċess
[17] Ara Dok. "DC10" f'paġġ. 45 sa 117 tal-proċess
[18] Dok "DC06", f'paġġ. 27 sa 32 tal-proċess
[19] Dok. "DC12" f'paġġ. 119 sa 121 tal-proċess
[20] Dok. "DC13" f'paġġ. 122 – 3 tal-proċess

milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[21];

Illi ż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami jridu sewwasew li din il-Qorti ssib li ma tistax tistħarreġ l-ilment tal-attriċi minħabba impediment li tqiegħed il-liġi fuq ix-xorta ta' għemil li l-istess attriċi tilmenta minnu. Il-liġi tfisser x'għandu jitqies bħala "*egħmil amministrativ*" fis-subartikolu 2 tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dik il-frażi, il-liġi tifhem "*il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'*". L-attriċi tisħaq li l-inizzjattiva li ħa l-Ministeru (bħala awtorita` pubblika) li ssir investigazzjoni u l-ħatra tal-Bord biex twettaq dik l-investigazzjoni huma fihom nfushom deċiżjonijiet u jew ordni li jaqgħu fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. L-imħarrek, min-naħa l-oħra, jilqa' billi jgħid li kemm il-ħatra tal-bord u kif ukoll il-fatt li l-bord ma ħa ebda deċiżjoni, l-anqas ta xi ordni, jixhdu li l-għemil tiegħu ma jistax jitqies aktar minn eżerċizzju ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan l-Aġenzija, liema eżerċizzju jaqa' 'l barra mill-ambitu li l-Qorti tista' tintalab tistħarreġ f'azzjoni bħal dik imressqa mill-attriċi;

Illi matul iż-żmien ingħata tifsir ta' x'jaqa' taħt il-kappa ta' "*organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna*" fi ħdan awtorità pubblika, u dak it-tifsir huwa l-qofol li jitfa' dawl fuq is-siwi taż-żewġ eċċezzjonijiet li l-Qorti qiegħda tagħti l-fehma tagħhom f'din is-sentenza. Fin-nuqqas ta' tifsira fil-liġi wieħed irid idur għat-tifsira li jista' jingħata mill-awturi jew mill-ġurisprudenza. Kemm hu hekk, il-fatt innifsu li dawn il-kliem m'humiex aħjar imfissrin mil-liġi nnifisha jitlob li Qorti tingħata s-setgħa li tistħarreġ jekk il-fatti partikolari marbutin ma' għemil amministrattiv imressaq quddiemha jaqgħux jew le taħt l-imsemmija eċċezzjoni;

Illi fid-duttrina, l-atti magħmula bil-għan ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorita` pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorita` iżżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. Iżda, fejn tali miżura tilħaq ċerta livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għemil amministrattiv li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu[22];

Illi l-Qorti tagħraf li l-kwestjoni li fuqha tinbena l-azzjoni attriċi hija waħda dwar il-mod kif sar l-istħarriġ minn bord li twaqqaf sabiex jinvestiga

---

[21] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[22] Brown, Bell & Galabert French Administrative Law (O.U.P. 5th Edit, 2003) paġġ. 158 – 161

t-tmexxija tal-Aġenzija li wassal lill-imħarrek li jtemm l-impjieg tal-attriċi saħansitra fiż-żmien tal-prova;

Illi l-imħarrek jisħaq li l-azzjoni attriċi jidher li hija msejsa fuq id-deċiżjoni li jinħatar il-bord u fuq il-mod kif mexa l-istess bord maħtur. Għar-rigward tal-ewwel, jgħid li mhux talli l-ħatra tal-bord ma saritx minn wara dahar l-attriċi jew kontra xi jedd tagħha, talli wera li kienet l-attriċi nnifisha li qablet mal-ħtieġa tat-twaqqif tal-bord. Żied jgħid li d-deċiżjoni li jitwaqqaf il-bord ma kinitx bl-ebda mod deċiżjoni li dwarha din il-Qorti tista' tintalab tistħarreġ, ladarba l-attriċi ma tallegax li l-ħatra fiha nnifisha saret minn xi persuna li ma kellhiex is-setgħa li tagħmilha bil-liġi jew li tat lill-bord mandat li jmur lil hinn minn dak li seta' legalment jintalab minnu jew mill-mod kif kien kostitwit. Dwar il-mod kif il-bord mexa, l-imħarrek jgħid li l-bord ma ta l-ebda deċiżjoni u lanqas ħareġ xi ordni jew irrifjuta xi talba, u x-xogħol tiegħu kien jikkonsisti f'rapport li kulma għamel kien li jagħti rakkomandazzjonjiet għall-kunsiderazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. L-imħarrek jargumenta li, fiż-żewġ kontinġenzi, ma jinħalqux l-estremi tal-"egħmil amministrattiv" li huwa meħtieġ biex din il-Qorti jkollha s-setgħa li tistħarreġ l-ilment tal-attriċi;

Illi l-attriċi, min-naħa tagħha, tgħid li l-eċċezzjonijiet m'humiex tajba għaliex, għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-imħarrek, ittieħdu minn tal-anqas żewġ deċiżjonijiet jew ingħataw ordnijiet li laqtuha fil-laħam il-ħaj. Tfisser kif l-ewwel deċiżjoni meħuda kienet dik li biha l-imħarrek, fil-kwalita\` uffiċjali tiegħu, qatagħha li jwaqqaf il-bord. It-tieni ordni kienet dik li l-imħarrek ta lill-bord it-termini tal-ħatra tiegħu u tah ukoll iż-żmien li fih ried jagħlaq ix-xogħol tiegħu u jirrapportalu dak li jkun irriżultalu. L-attriċi tgħid li l-ħatra tal-bord min-naħa tal-imħarrek ma tistax tkun waħda ta' sempliċi organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan l-istess awtorita\` pubblika, għaliex l-Aġenzija bil-liġi hija awtorita\` b'personalita\` ġuridika distinta[23] u l-ħatra tal-bord ma saritx minnha imma mill-imħarrek. B'mod partikolari, l-attriċi tisħaq ukoll li l-bord innifsu jikkostitwixxi entita\` pubblika u l-mod kif ikun wettaq jew ma wettaqx il-ħatra tiegħu u jekk mexiex sewwa bla dubju jaqgħu fil-qafas tal-iskrutinju li din il-Qorti tista' tintalab twettaq f'azzjoni bħal dik li hija fetħet f'dan il-każ;

Illi l-Qorti tagħraf li dan huwa każ fejn il-linja bejn dak li jaqa' fl-ambitu għal kollox intern fi ħdan awtorita\` pubblika u dak li joħroġ 'il barra minnha m'hijiex daqshekk waħda ċara. Għaldaqstant, biex il-Qorti tindirizza dan l-ilment, ma tistax tieqaf fil-livell ta' kif kwestjoni tidher mid-daqqa t'għajn. Dan qed jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq

[23] Ara reg. 5(1) tal-A.L. 128/07

naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għemil *ultra vires*), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrattiv li jkun[24];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, u filwaqt li bl-ebda mod ma qiegħda tgħaddi xi sura ta' ġudizzju dwar dak li sar fil-fatt fil-każ tal-attriċi, u dan għaliex il-kawża għadha fl-istadju bikri tal-allegazzjoni, fid-dawl tal-qafas li fih tressqet il-kawża u t-talbiet konsegwenzjali, hija tasal għall-fehma li l-ilment tal-attriċi jmur lil hinn minn "sempliċi" kwestjoni ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna għaliex ix-xiljiet attriċi huma marbuta ma' ksur ta' drittijiet li jidħlu fil-qalba ta' dak li d-Dritt Amministrattiv jitkellem dwaru fejn jidħol l-istħarriġ ġudizzjarju tal-għemil pubbliku. Huwa minnu li, f'dan l-istadju tal-kawża għad hemm biss allegazzjonijiet min-naħa tal-attriċi, li se jaqa' fuqha l-piż li tipprovahom kif imiss, imma b'daqshekk ma jfissirx li dak li hija tilmenta minnu ma għandux ikun mistħarreġ minn Qorti wkoll taħt l-għamla ta' azzjoni mressqa minnha;

Illi b'dan il-mod, il-Qorti qiegħda tagħżel li timxi mar-regola li twettaq is-setgħat tagħha ta' stħarriġ u ma twarrabhomx fuq il-bażi biss ta' dak li jidher minn barra. Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek ma humiex tajba u b'hekk mhix sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari** mressqa mis-Segretarju Ewlieni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra tiegħu, u ssib li hija għandha s-setgħa li tistħarreġ l-ilmenti tal-attriċi; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet, kemm dawk preliminari u kif ukoll fil-mertu li tressqu dwarha u li dwarhom għadha ma ngħatat l-ebda sentenza. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ħalli quddiemha jkompli jinstema' l-każ.

[24] App. Ċiv. **16.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Denis Tanti vs Prim Ministru et***

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta’ Novembru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**